# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-04 ta' Mejju, 2016.

Talba Numru: 26/2016AM3.

Numru fuq il-Lista: 15.

**Charles Micallef Swimming Pools Limited (C-5290)**
**Mosta Road**
**Lija**

**vs**

**Jonathan Vella,**
**'Santa Marija'**
**Triq Jules Verne,**
**San Pawl tat-Targa,**
**Naxxar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fil-25 ta' Jannar, 2016 li permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut is-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) bilanc dovut ghal apparat ta' *swimming pools* mibjugha u

konsenjati mis-Socjeta' attrici lil konvenut liema ammont jinkludi prezz ta' xoghlijiet maghmula fuq *swimming pool* tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) bl-imghax legali kontra l-konvenut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**